MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Numru 715/2010

Il-Pulizija

(Spettur Fabian Fleri)

vs

Victor Degabriele

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat residenti Bormla bil-karta tal-identita' 191384M akkuzat:

1. talli fis-6 ta' Frar 2009 f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn is-01:00am u it-03:00am, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn mahzen bla isem jew numru li jinsab gewwa Triq Santa Liena, Bormla, liema serq huwa aggravate bil-valur li jeccedi l-€2329.40, bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Ruth u Joseph Galea;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil-bieb tal-imsemmija residenza, liema hsarat huma ta’ aktar minn €11.47 (hamsin lira Maltija) ghad-dannu ta’ Ruth u Joseph Galea;
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Edwina Grima LLD datata 19 ta’ Mejju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel u dan bi ksur tal-Artikolu 28A u 28(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;
4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Miriam Hayman LLD datata 14 ta’ Gunju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel u dan bi ksur tal-Artikolu 28A u 28(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;
5. u fl-ahhar nett, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta impost fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Antonio Vella LLD datata 7 ta’ Dicembru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi , tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghhom baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din l-Qorti;

Semghat lill-imputat jghid li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza sommarjament;

Semghat xhieda;

Semghat lill-imputat jirregistra ammissjoni li fuqa baqa’ jinsisti dan fuq l-iskorta tal-verbali tal-lum maghmul konguntament mid-difiza u l-prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:

Ai termini tal-verbali li ghalih sar referenza fil-prejamboli ta’ din is-sentenza, l-prosekuzzjoni irregistrat il-qbil taghha, li l-ahhar tlett akkuzi, ossija dawk li jakkuzaw l-imputat bil-ksur ta’ sentenzi sospizi u ksur tal-Kap 446, jinsabu “res gudikata”.

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu bis-sentenza odjerna, hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet;

Rat l-Artikolu 261 (a)(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 278 (3), 279 (b), 325 (1)(b), 49, 50 u 17 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tpoggi lill-imputat taht supervizzjoni ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum taht l-Artikolu 7 tal-kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat u r-responsibiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------